MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2013

Numru. 755/2008

**Il-Pulizija**
**Spettur Raymond Aquilina**

**vs**

**DC**

Il-Qorti;

Rat li l-imputata DC giet mressqa quddiemha akkuzata talli:

Fil-Marsa u fi bnadi ohra ta’ Malta fl-1 t’Awwissu 2008 ghal-habta ta’ 21.00 u fix-xhur ta’ qabel b’diversi atti maghmulin mill-hati, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u jkunu gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda

1. Fit-triq jew f’post espost ghall-pubbliku, tlajjat jew ghamlet biex thajjar ghal skop ta’ prostituzzjoni jew skopijiet ohra immorali;

2. U aktar li biex issodisfat iz-zina ta’ haddiehor hajret ghall-prostituzzjoni persuna ta’ taht l-eta u cioe lil bintha MC ta’ sittax-il sena, jew eccitat l-korruzzjoni taghha, jew ghenet jew iffacilita din il-prostituzzjoni jew korruzzjoni;

3. U aktar li biex issodisfat iz-zina ta’ haddiehor qabbdet fil-prostituzzjoni persuna ta’ taht l-eta’ u cioe lil bintha MC ta’ sittax-il sena;

4. U wkoll li kisret il-provedimenti ta’ Artikolu 22 tal-Kapitlu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta b’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta datata 20 ta’ Mejju 2008.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 26 ta’ Settembru 2008 (esebita a fol. 121 tal-process) fejn huwa deherlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) fl-artikoli 18, 204, 533 tal-Kodici Kriminali;
(b) fl-artikoli 7 tal-Kap. 63;

Rat li waqt l-udjenza tal-15 ta’ Lulju 2009, l-imputata ddikjarat li hija m’ghandiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi ;

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputata kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar it-2 ta’ Frar 2010 ghall-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfronti taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputata wiegbet li hija hatja, din il-Qorti wissietha b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba taghha u tatha zmien xieraq sabiex jekk trid terga’ lura minnha u

kien biss wara li staqsietha t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni taghha.

Rat il-Pre-Sentencing Report imhejji mill-Probation Officer Chantelle Avellino u nserit a fol. 143 et sequitur tal-atti processwali.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti lli taw lok ghal dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fl-1 ta' Awwissu 2008 ghall-habta tad-9.00pm il-Pulizija tal-Vice Squad sabu lil MC, tfajla ta' sittax-il sena, f'vettura ma certu Raymond Baldacchino fejn irrizultalhom li din it-tfajla kienet marret mal-imsemmi Baldacchino fil-vettura tieghu ghal skopijiet ta' prostituzzjoni. Meta l-Pulizija tkellmu ma' dan Baldacchino huwa qalilhom li meta huwa gabar lil MC mill-Marsa hija kienet ma mara akbar minnha u huwa kien staqsihom kemm riedu flus sabiex imur ma' wahda minnhom u ddecieda li jaghzel lil MC. Mix-xhieda tal-Ispettur Melvin Camilleri[1] jirrizulta li meta l-Pulizija baghtu ghal omm MC, li hija DC l-imputata odjerna, sabiex tigi tigborha Raymond Baldacchino raha waqt li kien qed ipejjep fic-Cid yard u gharafha bhala l-persuna li kienet qed takkompanja lil MC il-Marsa.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputata rrilaxxjat tlett stqarrijiet[2] izda peress li meta rrilaxxjat dawn l-istqarrijiet hija ma nghatatx il-fakulta' li titkellem ma avukat din il-Qorti in linea ma gurisprudenza recenti ser tqis dak li l-imputata qalet fl-istqarrijiet bhala prova inammissibbli f'dawn il-proceduri. L-imputata ghazlet li tixhed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-2 ta' Frar 2010 fejn hija kkonfermat li kienet ilha tmur il-Marsa ghal skopijiet ta' prostituzzjoni ghal madwar sena izda cahdet li kienet hadet lil bintha hemm sabiex din

[1] Inserita a fol. 82 et sequitur tal-atti processwali
[2] Inseriti a fol. 48 sa 54 tal-atti processwali.

tiprostitwixxi ruhha jew li qatt hajritha tidhol fic-cirku tal-prostituzzjoni. Hija spjegat li dakinhar tal-1 ta' Awwissu 2008 hija kienet marret il-Marsa sabiex tara jekk it-tifla kinitx qed tigi mgeghlha minn xi hadd sabiex tiprostitwixxi lilha nnifisha u kienet skopriet li fil-fatt bintha hekk kienet qed taghmel. DC qalet bintha kienet qed tigi mgeghlha tiprostitwixxi lilha nnifisha mill-partner taghha Jonathan Sciberras u li hija kienet tghaddi parti mill-flus li kienet taqla' mill-prostituzzjoni lil dan Sciberras.

MC li xehdet bil-procedura tal-video conferencing waqt l-udjenza tal-25 ta'Awwissu 2008 qalet li hija ghall-ewwel bdiet tinzel il-Marsa sabiex tiprostitwixxi ruhha ghaliex kien jehodha certu Darren u anki sabiex taghmel bhal habiba taghha, certu Donna. Hija bdiet tghid li dak li kienet qalet lil Pulizija meta giet arrestata, u cioe' li hija kienet tithaddem minn certu Jonathan Sciberras u kienet ghaddiet il-flus li kienet taqla' mill-prostituzzjoni, ma kienx minnu u li hija qaltilhom dan il-kliem ghaliex bdiet tibza u sabiex huma jehilsuha mill-arrest. Hija izda qalet ukoll li dakinhar li giet arrestata ommha kienet semghat konversazzjoni li kellha fuq it-telephone u segwitha l-Marsa sabiex tara jekk kienx veru li hija kienet qed tmur hemm ghal skopijiet ta' prostituzzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi f'dawn il-proceduri l-Avukat Generali fin-nota tieghu tas-26 ta' Dicembru 2008 indika li tista' tinstab htija jew htijiet fil-konfronti tal-imputata taht dak li hemm mahsub fl-Artikolu 204 tal-Kodici Kriminali u fl-Artikolu 7 tal-Kap. 63 tal-Kodici Kriminali. Kif diga' ntqal aktar 'il fuq l-imputata rregistrat ammissjoni ghall-ewwel imputazzjoni, u cioe' dik li tirrigwarda r-reat kontemplat fl-Artikolu 7 tal-Kap. 63 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Qorti setghat tikkonstata li din l-imputazzjoni tirrizulta ampjament pruvata mill-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz u l-Qorti sejra ghalhekk issib lill-imputata hatja ta' din l-imputazzjoni kif minnha ammessa.

It-tieni imputazzjoni tirrigwarda r-reat kontemplat fl-Artikolu 204 tal-Kodici Kriminali liema Artikolu jipprovdi s-segwenti:-

***"204. (l) Kull min, biex jissodisfa ż-żina ta' ħaddieħor, iħajjar għall-prostituzzjoni persuna ta' taħt l-età, jew jeċċita l-korruzzjoni tagħha, jew igħin jew jiffaċilita din il-prostituzzjoni jew korruzzjoni, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tmintax-il xahar sa erba' snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha:***
***Iżda l-piena tkun ta' priġunerija minn sentejn sa sitt snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha, f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:***
***(a) jekk id-delitt isir bi ħsara ta' persuna li ma tkunx għalqet l-età ta' tnax-il sena;***
***(b) jekk id-delitt isir b'qerq;***
***(ċ) jekk id-delitt isir minn axxendent, mid-demm jew bi żwieġ, mill-missier jew l-omm adottivi, mir-raġel jew mill-mara jew mit-tutur tal-persuna minuri, inkella minn ħaddieħor li lilu, imqar jekk għal xi żmien, ikun ġie fdat il-minuri sabiex jieħu ħsiebu, jedukah, jgħallmu, jindukrah jew iżommu;***
***(d) jekk id-delitt isir bħala drawwa jew bi ħsieb ta' qligħ.***
***(2) Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 197(4) jgħoddu wkoll għad-delitti msemmijin f'dan l-artikolu, meta d-delitt isir mir-raġel, jew mill-mara, minn axxendent jew mit-tutur."***

Illi wara li l-Qorti ezamiant bir-reqqa kollha dovuta l-provi kollha prodotti kemm mill-Prosekuzzjoni kif ukoll mid-Difiza f'dan il-kaz il-Qorti jidrilha li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputata effettivament hajret jew dahlet lil bintha fic-cirku tal-prostituzzjoni. Il-Qorti jidrilha li mix-xhieda tal-minuri nnifisha, u cioe' MC, jirrizulta li din iddahlet fic-cirku tal-prostituzzjoni minn terzi persuni li hija ndikat fix-xhieda taghha u meta giet interrogata mill-Pulizija u hija, ghalkemm b'certu riluttanza semmiet min kienu dawn il-persuni. MC fl-ebda stadju ma qalet li hija dahlet fic-cirku tal-prostituzzjoni fuq istigazzjoni ta' ommha u hija fil-fatt ikkorroborat dak li qalet ommha meta xehdet f'dawn il-

proceduri u cioe’ li l-imputata kienet segwitha l-Marsa ghaliex kienet semghat konversazzjoni li kellha f’dan is-sens fuq it-telephone. Huwa minnu li mill-provi jirrizulta li l-imputata kienet ma bintha meta din rikbet fil-vettura ma Raymond Baldacchino izda il-fatt li hija hadet decizjoni zbaljata u ma waqfithiex meta din kienet ser tirkeb fil-vettura ta’ Baldacchino ma jfissirx li hija kienet il-persuna li dahlet lil bintha fic-cirku tal-prostituzzjoni. Mil-provi rrizulta kjarament li l-minuri ddahlet fic-cirku tal-prostituzzjoni minn terzi persuni u ad insaputa ta’ ommha u ghalhekk il-Qorti ma jidrilhiex li l-imputata tista’ tinstab hatja tat-tieni(2) u tat-tielet(3) imputazzjoni migjuba fil-konfronti taghha.

Ikkunsidrat:

Illi permezz tar-raba’(4) mputazzjoni l-imputata tinsab akkuzata li kisret il-provvedimenti tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta izda peress li l-Avukat Generali fin-Nota ta’ Rinviju tieghu tas-26 ta’ Settembru 2008 ma ndikax li tista’ tinstab htija taht ebda Artikolu tal-Ligi kontemplat fil-Kap. 446 din il-Qorti li hija marbuta bl-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali ma tistghax issib htija fir-rigward tar-raba’(4) mputazzjoni.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-kontenut tal-Pre-Sentencing Report u r-rakomandazzjonijiet maghmula mill-Probation Officer li huma s-segwenti:-

***“Fid-dawl ta’ din l-informazzjoni, jidher li fil-kaz ta’ DC jehtieg li attenzjoni xierqa tinghata kemm lill-aspett ta’ kontroll kif ukoll dik ta’ riabiltazzjoni. Dan billi, l-imputata tinghata gwida u sens ta’ direzzjoni li jidher li kienu nieqsa ferm fil-hajja taghha u billi attenzjoni specjali tinghata wkoll lill-element ta’ xoghol, sabiex hija tqatta’ l-hin taghha b’mod aktar produttiv, kemm fi hdan il-familja kif ukoll bhala membru tas-socjeta’ u anke sservi ta’ ezempju pozittiv ghal bintha.***

***Ghaldaqstant, qed jigi ssuggeriet lil din l-Onorabbli Qorti, li DC tinghata piena pekunjarja sabiex jigi kkunsidrat il-ksur ta’ provedimenti ta’ l-Artikolu 22 tal-***

***Kap. 446 moghtija mill-Qorti ta' Malta fl-20 ta' Mejju 2008. Qed jigi rrakkomandat ukoll li DC tinghata Ordni ta' Probation u Servizzi, skond l-Artiklu 18 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, li tinkorpora fiha kemm l-element ta' Probation kif ukoll l-element ta' xoghol fil-komunita'. Qed jigi rrakkomandat li l-Ordni ta' Probation tkun fil-massimu taghha, ta' tlett snin, filwaqt li l-element ta' xoghol ikun dak ta' 40 siegha. Qed jigi ssuggeriet li dan ix-xoghol ikun dak ta' 40 siegha. Qed jigi ssuggeriet li dan ix-xoghol fil-komunita' jsir skond l-arrangament mhejjijja mill-Ufficcju tal-Probation u approvati minn din l-Onorabbli Qorti."***

Il-Qorti jidrilha li ghandha tadotta dawn ir-rakkomandazzjonijiet u sejra ghalhekk tapplika l-Artikolu 18 tal-Kap. 446 u timponi Ordni ta' Probation u Servizz fil-Komunita'.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju tieghu tas-26 ta' Settembru 2008 u senjatament l-Artikolu 7 tal-Kap. 63 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputata hatja tal-ewwel(1) imputazzjoni migjuba fil-konfronti taghha kif minnha ammessa u b'applikazzjoni tal-Artikolu 18 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggi lill-imputata taht Ordni ta' Probation u Servizz fejn l-Ordni ta' Probation ikun ghall-perijodu ta' tlett (3) snin millum u taht il-kundizzjonijiet indikati fl-anness digriet u fejn is-sighat ta' xoghol fil-komunita' ghandhom ikunu erbghin (40) u ghandhom isiru skond il-kundizzjonijiet indikati fl-anness digriet u skond l-arrangjamenti mhejjija mill-Ufficcjal tal-Probation Chantal Avellino. Il-Qorti tiddikjara lill-imputata mhux hatja tal-bqija tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti taghha u konsegwentement tilliberaha mill-istess imputazzjonijiet.

Il-Qorti tordna lid-Direttur tal-Probation Services u Parole jigi notifikat b'kopja ta' din is-sentenza sabiex jinhatar il-kandidat idoneju ghall-hatja.

Il-Qorti tordna d-divjiet tal-publikazzjoni ta’ isem il-minuri u ta’ isem l-imputata fi kwalunkwe mezz ta’ komunikazzjoni u dan sabiex tigi protetta l-identita’ tal-minuri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------